MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 848/2009

**Aplan Limited (C-2450)**
**vs**
**DBD Trading Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, disa' mija, sebgha u tlettin ewro (€1937) rapprezentanti bilanc dovut ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsinjata lis-socjeta konvenuta.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez legali kontra s-socjeta' konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-21 ta' April, 2010 mill-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------